MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2010

Numru 731/2007

Il-Pulizija
(Spettur Ian Abdilla)

vs

Martin Cachia

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 235859M, akkuzat talli:

1. nhar l-Erbgha 4 ta’ April 2007, u nhar l-Hadd 8 ta’ April 2007, fil-Belt Valletta u f’postijiet ohra gewwa dawn l-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

a. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrja, jew, xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b'qerq;

u cioè diversi CDs tal-musika, DVD films u loghob tal-Playstation.
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 298(1)(a),(c), u (f) tal-Kap 9)

2. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkustanzi, ghal qligh, jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 18, u 298B tal-Kap 9)

Sar recidiv a termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 b' diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivu u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-

hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9.

Rat it-talba tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputat jirregistra ammissjoni fl-liema insista fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat tiddikjarah hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 298(1)(a)(c)(f), 298(B), u 17 tal-Kap 9. Tikkundannah €2000 multa u tawtorizza li jithallsu permezz ta’pagament ta’ €50 fix-xahar, bl-ewwel pagament sal-ahhar ta’ Jannar 2011 u b’pagamenti successivi u konsekuttivi kull l-ahhar ta’ kull xahar sussegwenti bid-dekadenza fin-nuqqas anke ta’ pagament wiehed li okkorrendo jigu konvertiti, kull pagament li jkun dovut, f’prigunerija skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------